MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru 975/2010

Il-Pulizija

(Spettur Priscilla Caruana)

vs

Paul Deguara u George Formosa

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 48185M u 807059(m) rispettivament, akkuzati:

1. fit-28 ta’ Ottubru 2009 ghal habta tat-8.00am fi Triq Sant Anglu, Birzebbugia, fil-kapacita’ taghhom personali kif ukoll/u/jew ta’ diretturi tal-kumpanija R.V.S Limited, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni taghkom, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkagunajtu l-mewt ta’ Angelo Muscat – ai termini tal-Art.225 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi nqastu milli tharsu s-sahha u s-sigurta' tal-impiegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol – ai termini tar-regolamenti 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 Kap 424;
3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' taghkom ta'persuni li thadmu u ta' kull persuna li tahdem ghar-rasha nqastu li qabel ma tqabdu jew toffru xi xoghol li xi zghazugh u partikolarment lil Kursten Cassar, inqastu milli taghmlu stima tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li setghu jkunu presenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrisultaw u li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol – ai termini ta' l-Artikolu 3(1)(2) a,b,c,d,e ta' l-AL 91 tal-2000;
4. fl-istess zminijiet ,lok u cirkostanzi fil-kapacita' taghkom ta' persuni li thaddmu inqastu li tiehdu l-mizuri mehtiega biex tizguraw li, matul il-hajja tax-xoghol tieghu kollha, l-apparat tax-xoghol ikun qieghed jinzamm permezz ta' manutenzjoni adegwata dan ai termini tal-Artikolu 5(2) tal-A.L 282/04.

Rat ir-rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u skond l-artikoli tal-Ligi minnu citati bghat lill-imputati biex jigu gudikati minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' opposizzjoni taghhom;

Semghet lill-imputati jghazlu li jigu ggudikati minn dina l-Qorti;

Senghet ix-xhieda,

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet li l-partijiet ghazlu jippresentaw;

Ikkonsidrat:

Jinsab ben pruvat li l-imputati huma l-unici diretturi u azzjonisti tas-socjeta' R.V.S Limited li hija proprjetarja ta' zewg trakkijiet ghal gbir taz-zibel wiehed mill-liema kien involut fl-incident fatali meritu dawn il-proceduri; huwa bin-numru ta' registrazzjoni RVS001 li s-sewwieq tieghu kien proprju l-vittma meghjun minn zewg lavranti li fil-gurnata 'de quo' wiehed minnhom biss kien qieghed xoghol. Fuq din il-fatalita' issejjhet inkjesta fejn fost l-esperti gie nominat bhala perit tekniku biex jfittex u jirrelata dwar ic-cirkostanzi tal-incident, is-Sur Mario Buttigieg. Sufragat mill-uniku xhud okkulari li 'de visu' ra l-misfatt jigri ghandu jirrisulta wisq car li l-kawza prossima tal-incident huwa l-inzul tat-trakk minn fejn il-vittma kien hallih ipparkeggjat li spicca tela' l-bankina bir-roti ta' quddiem u spicca waqaf ma' hajt ta' terzi bis-sewwieq Angelo Muscat, il-vittma, maqbud bejn il-hajt u l-quddiem tat-trakk. Jidher hawnhekk li l-vittma spicca maqbud kif spiegat fit-tentattiv vann tieghu li jwaqqaf t-trakk li jolqot il-hajt. Dwar il-kawza tal-mewt kemm it-tobba patologisti u kemm it-tabib forensiku, entrambi nominati fl-inkjesta, huma konkordi li l-mewt avverrat ruhha konsegwenza diretta u unika tal-incident.

Intant, ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali l-imputati huma akkuzati:

- b'qtil involontarju;
- bin-nuqqas ta' tharis tas-sahha u s-sigurta' tal-haddiem indipendentement mill-obbligi ta' dawn;
- bin-nuqqas li ssir stima tar-riskju qabel ma jigi ingaggjat persuna taht it-tmintax il-sena;
- bin-nuqqas ta' spezzjoni tal- apparat tax-xoghol;

dan ai termini ta' l-Artikolu 225 tal-Kap 9, l-Artikolu 6 tal-Kap 424, r-regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 424.10 (A.L 91/2000) u r-regolament 5 tal-Ligi Sussidjarja 424.30 (A.L 282.2004).

Dwar l-offizi dedotti taht Regolamenti mahruga bis-sahha tal-Kap 424, ossija l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, riferenti ghat-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjoni, dawn jinsabu ammessi permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet konguntiva tal-imputati u riaffermata illum stess. B'daqstant li l-Qorti mhux ser tiddilunga li tittratthom stante li l-offizi f'kull kaz jirrisultaw ukoll mill-provi in atti. Dak li jibqa jigi trattat huwa r-reat li l-Avukat Generali insista fuqu ossija dak tal-omicidju involontarju taht l-Artikolu 225 tal-Kap 9. Hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-insistenza tal-Avukat Generali li jinkludi dan r-reat fir-rinviju ghall-gudizzju nonostante kollox kienet barra minn loka meta ghandu jirrisulta wisq car mill-provi in atti illi l-fattur tal-prevedibilita' fl-imputati fic-cirkostanzi tal-mewt tal-impiegat taghhom hu nieqes. Dan tal-prevedibilita' krucjali ghal-esistenza tar-reat.

Rat l-Artikolu 6 u 38(1) tal-Kap 424, Regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 424.10 (A.L 91/2000) u Regolament 5 tal-Ligi Sussidjarja 424.30 (A.L 282/2004). Tiddikjarhom u issibhom hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba akkuza. Tikkundannhom €1500 multa kull wiehed.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------